**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tal-Ġimgħa 7 ta' April 2017**

**Appell Nru: 522/2016**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**John Magro**

**Alfrida Magro**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellanti, John Magro, detentur tal-karta tal-Identita Maltija bin-nurmu 71445(G) u Alfrida Magro, detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 759350M, akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

> F'diversi okkażjonijiet wara l-1 ta' Novembru, 2013 bla ħsieb li jisirqu jew li jagħmlu ħsara kontra l-liġi iżda biss biex jeżerċitaw jedd li jippretendu li għandhom, bl-awtorita' tagħhom infushom, fixklu lil

JoeBert u Carla Galea fil-pussess ta' ħwejjiġhom u b'mod ieħor kontra l-liġi ndaħlu fil-propjeta' ta' l-istess konjuġi Galea bil-fatt illi immblukkaw jew xekklu l-aċċess liberu minn fuq passaġġ li minn Triq Simirat, Għajnsielem jagħti għad-dar tal-istess Galea bl-indirizz 'Laurence' Triq Borg Għarib, Għajnsielem u dan bi ksur tal-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali Kap 9.

Il-Qorti giet mitluba li minbarra l-piena l-imputati jiġu ordnati illi ma jimmolestawx lill-imsemmija konjuġi Galea fil-pussess ta' ħwejjiġhom, ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Kodiċi Kirminali.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar il-25 ta' Ottubru, 2016, li biha l-Qorti qablet mal-konklużjonijiet tar-rapport tal-Perit Legali, u wara li rat l-Artikolu 85 tal-Kaptolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputati ħatja tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħhom u kkundannathom multa ta' mitejn u hamsin (€250) kull wieħed.

Inoltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-imputati biex ma jimmolestawx lill-konjuġi Joebert u Carla Galea fil-pussess ta' ħwejjiġhom taħt penali ta' elf ewro (€1000) u dan għal żmien sena.

Finalment, il-Qorti wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat lill-imputati jħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti fl-ammont ta' erba' mija u sitta u ħamsin ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€456.55).

**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta' John Magro u Alfrida Magro, preżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti nhar it-3 ta' Novembru, 2016, li bih talbu lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-imputati minn kull ħtija u piena, jew altrimenti f'każ ta' l-akkoljiment tal-ewwel aggravju terġa' tibgħat l-atti quddiem l-ewwel Qorti u fin-nuqqas timmodifika l-piena kif mitlub fl-aħħar żewg aggravji.

**4.** Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-każ.

**5.** Il-fatti allegati in kwantu relevanti għall-finijiet ta' din is-sentenza jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

John u Alfrida konjuġi Magro tressqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali akkużati kif fuq ingħad. Wara li xehedu xi xhieda il-kawża ġiet assenjata lil Maġistrat ieħor u fis-16 ta' Lulju 2015 l-ewwel Qorti kif allura preseduta, wara li ħadet konjizzjoni tal-każ u tax-xhieda li nstemgħu preċedentement quddiem il-Qorti diversament preseduta, ħatret lil Dr. Damian Biġeni biex iżomm żewġ seduti biex jisma' l-provi kollha u jippreżenta rapport dwar l-akkużi u l-kawża ġiet differita għar-rapport tiegħu. Dr. Damian Biġeni ppreżenta r-rapport tiegħu bid-depożizzjonijiet tax-xhieda mismugħa minnu. Saret nota tal-osservazzjonijiet mill-imputati u mill-prosekuzzjoni u l-kawża ġiet differita għas-sentenza li ingħatat kif ingħad fil-25 ta' Ottubru 2016.

**6.** L-ewwel aggravju tal-appellanti hu fis-sens li l-proċeduri quddiem l-ewwel Qorti huma difettużi u monki u kwindi nulli peress li l-ewwel Qorti ma kienetx legalment korretta meta innominat perit legali biex jisma' l-provi u jirrelata dwarhom meta l-artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li ix-xhieda għandhom dejjem jiġu eżaminati fil-Qorti u *viva voce.*

**7.** Din is-sentenza hija dwar dan l-ewwel aggravju tal-appellanti wara li l-Qorti semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwaru fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2017.

Ikkunsidrat

**8.** Għalkemm l-artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li x-xhieda għandhom jiġu eżaminati fil-Qorti u *viva voce* l-artikolu 650 tal-Kodiċi

Kriminali jipprovdi li fil-każijiet kollha li fihom għall-eżami ta' persuna jew ta' ħaġa tkun tinħtieġ ħila jew sengħa speċjali, għandha tiġi ordnata perizja bil-periti jinħatru mill-Qorti. Inoltre, is-subartikolu (5) tal-istess artikolu 650 jipprovdi wkoll, *inter alia*, li l-Qorti tal-Maġistrati, kemm bħala Qorti ta' ġudikatura kriminali kif ukoll bħala Qorti istruttorja, tista' tagħti s-setgħa lill-periti li jirċievu dokumenti u li jisimgħu xhieda taħt ġurament quddiem l-imputat u f'kull każ bħal dan il-Qorti ma għandhiex titlob aktar provi dwar id-dokumenti prodotti jew terġa teżamina x-xhieda mismugħa sakemm il-Qorti ma tqisx li dan ikun meħtieġ jew sakemm l-imputat ma jagħmilx talba li jsir dan.

**9.** Dan huwa preċiżament dak li ġara f'dan il-każ u l-imputati fl-ewwel istanza fl-ebda stadju ma għamlu xi talba sabiex il-Qorti terġa teżamina x-xhieda li nstemgħu mill-perit nominat mill-Qorti.

**10.** Fl-appell tagħhom l-imputati jilmentaw li dan il-każ kien wieħed sempliċi li ma kien jirrikjedi l-ebda każ ta' xi ħila jew sengħa speċjali u jirrileva li l-t-tielet *proviso* tal-artikolu 548(1) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 645 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Civili (Kap 12), it-tnejn jipprojbixxu l-ħatra ta' esperti unikament sabiex jisimgħu xhieda bil-ġurament u jistabilixxu l-fatti relevanti u dan, skont l-appellanti, juri kemm tali perizji qatt ma kienu għall-qalb il-proċedura fil-Qrati Maltin. Il-fatt jibqa', iżda, li l-artikolu 548 jirrigwarda l-proċeduri ta' *in genere,* li mhux il-każ hawn, waqt li l-artikolu 645 tal-Kap 12 ma ġiex reż applikabbli għall-qrati ta' ġustizzja kriminali.

**11.** Barra minn hekk mill-atti jirriżulta li meta l-ewwel Qorti nnominat il-perit fis-seduta tas-16 ta' Lulju 2015 fil-preżenza tad-difensur tal-imputati dawn ma qajmu ebda eċċezzjoni għal dik il-ħatra u qatt ma qajmu ebda oġġezzjoni f'xi stadju wara tal-proċediment anqas wara li l-perit ippreżenta r-rapport tiegħu bil-ġurament. Anqas fin-nota ta'

sottomissjonijiet tagħhom dwar ir-rapport peritali u li ppreżentaw quddiem l-ewwel Qorti fl-24 ta' Awwissu 2016 l-imputati ma qajjmu ebda eċċezzjoni jew oġġezzjoni jew minimament ikkritikaw il-ħatra tal-perit u llimitaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar il-mertu tal-konklużjonijiet peritali. L-imputati ma jistgħux issa f'dan l-istadju inoltrat tal-proċeduri iqajjmu eċċezzjonijiet quddiem din il-Qorti ta' reviżjoni li qatt ma ssollevaw fl-ewwel istanza.

Għaldaqstant l-ewwel aggravju tal-imputati appellanti qiegħed jiġi respint u l-Qorti tordna l-kontinwazzjoni tat-trattazzjoni tal-appell fuq dawk l-aggravji li għadhom mhux deċiżi.

(ft) Silvio Camilleri
Prim Imhallef

(ft) Silvana Grech
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur